MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2103/1995/1

**Stanislaw Borg**

**Vs**

**Saviour sive Silvio Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa proprjetarju ta’ bicca art markata “X” fil-pjanta annessa ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A;

Premess illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-bicca art adjacenti li hija mmarkata “Y” fuq l-istess pjanta annessa (Dok. A);

Premess illi minn *survey* ta'l-art li sar fuq inkarigu ta' l-attur irrizulta illi l-konvenut kien bena fuq l-art imsemmija 'l barra mil-linja tal-"Building Scheme" tal-Gvern b'cirka zewg metri, b'hekk gie, li minhabba x-xtur ta' l-art, effettivament dejjaq sostanzjalment l-entratura ghall-art tar-rikorrenti;

Premess illi l-konvenut iddikjara illi ser jibni parapett ta' xi ghaxar piedi quddiem l-art li huwa bena u li ser allura jaghlaq kompletament l-access ghall-art ta' l-attur;

Premess illi l-attur juza l-art tieghu regolarment ghat-trobbija ta' l-annimali kif ukoll bhala gardina;

Premess illi kemm il darba jinbena l-parapett, oltre li ma jkunx qed jinbena fuq art ta' l-intimat izda fuq art tal-Gvern, danikun qed jaghlaq l-uniku access li ghandu l-attur ghall-art tieghu;

Premess illi fuq talba ta' l-attur ghall-hruga ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3055/95 kontra l-konvenut biex jigi inibit milli jibni parapett quddiem id-dar tieghu sakemm jigi deciz tali art tappartjeniex lilu u fi kwalunkwe kaz tali parapett ikunx qed jinblokka l-uniku access li ghandu r-rikorrent ghall-art tieghu, dina l-Onorabbli Qorti b'digriet tas-27 ta' Novembru 1995, laqghet it-talba ta' l-attur ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkoncerma l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3055/95, mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Novembru 1995, fejn laqghet it-talba ta' l-attur;

2. Tiddikjara li l-konvenut bena fuq l-art hawn fuq imsemmija li ma tappartjenix lilu;

3. Tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jibni parapett quddiem id-dar tieghu u b'hekk jinblokka l-access li ghandu l-attur ghall-art tieghu;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 3055/95 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha gie eccepit:-

Illi fl-ewwel lok kienet ghal kollox infondata l-allegazzjoni lil-art in ballo kienet mibnija barra mil-linja tal-“Building Scheme” u di piu` din l-art hija proprjeta` ta’ l-eccipjent, ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din hija kawza istitwita minn Stanislaw Borg wara li huwa kien ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut biex ma jibnix il-parapett quddiem id-dar tieghu peress illi minhabba dan il-parapett l-attur odjern ma kienx qed ikollu access ghall-art adjacenti tieghu;

Illi f'din il-kawza ma sar pratikament xejn peress li skond ma jidher mid-diversi verbali, il-partijiet u d-difensuri kkonfermaw li kien hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi proprju biex tistabbilixxi l-konfini tal-proprjetajiet tal-kontendenti;

Illi skond ma jidher mid-dokument TM esebit mill-konvenut fl-ahhar tal-proceduri odjerni irrizulta li l-konvenut odjern kien pprezenta kontra l-attur Stanislaw Borg fejn talab dikjarazzjoni li l-attur odjern ma kellu ebda dritt jghaddi minn fuq il-proprjeta` tal-konvenut u talbu li jigi inibit milli jkompli jghaddi minn fuq din il-proprjeta'. Din il-kawza ggib in-numru 1332/95 u giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju ta' din is-sena;

Illi mill-ezami ta' l-istess, il-Qorti tifhem li wara li kien gie inkarigat perit tekniku biex jistabbilixxi l-posizzjoni ta' l-art wara li l-Qorti ghamlet ukoll il-konsiderazzjonijiet legali dwar id-dritt ta' passagg, irrizulta li Saviour sive Silvio Borg ma ghamel ebda zball fil-kostruzzjoni tal-plot minnu akkwistata u li Stanislaw Borg ma ghandu ebda dritt jghaddi minn fuq il-proprjeta` l-ohra;

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tichad it-talba attrici fis-sens illi ma hemm ebda gustifikazzjoni li jkompli fis-sehh il-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 3055/95 u dan wara li taghmel referenza ghall-atti tal-kawza l-ohra u ghad-decizjoni imsemmija.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici u konsegwentement ghal kull buon fini tirrevoka l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni imsemmi.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur